# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Preliminari numru 2372

Każ numru 3146/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Michael Warrington
(ID 180462M)
u
FCM Bank Ltd
(C50343)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum l-Erbgha 11 ta' Marzu 2015**

**Ir-referenza :**

Fuq stedina tat-Tribunal Industrijali tal- 4 ta' Dicembru 2014, is-Socjeta intimata permezz ta' l-Avv. Mathew Brincat f'isem ir-rikorrent issottometta talba formali biex ic-Chairman tas-socjeta intimata is-Sur Timothy Babich jaghti x-xhieda tieghu permezz ta' *Skype video conferencing* minnhabba li dan hu rezidenti fl-Istati Uniti tal-Amerika u ma jistax ikun prezenti fl-awla.

L-Avv. Louis de Gabriele u l-Avv Marisa Vella f'isem ir-rikorrent, fit-twegiba taghhom tas-27 ta' Jannar 2015 jissottomettu l-oggezzjonijiet taghhom ghal din it-talba.

Kunsiderazzjonijiet:

It-Tribunal Industrijali ezamina d-dokumentazzjoni kollha, sema` t-trattazzjoni tal-partijiet u ghamel riferenza ghall l-Art77 (1) ; 78 (3) tal Kap 452 , ra l- Art 622(A); 622[A] (4) tal Kap 12 tac-COCP u kkonkluda kif isegwi:

L-Art622(A) jitkellem specifikament ghall xhieda mghotija permezz ta' affidavits, u s-segwitu ta' l-Art (4) ta' l-istess Kap jirreferi ukoll biss ghall l-affidavits.

Ghandu jigi rijaffermat dak li kemm il-darba stqarr dan it-Tribunal Industrijali, **li huwa tribunal tal-fatti u mhux tribunal tal-ligi.**

Skond l-Artiklu 78 sub artitklu (3) tal KAP 452 it-Tribunal Industrijali ghandu l-poteri legali li jaddotta l-proceduri tieghu sakemm dawn ma' jmorrux lill hinn mill-gustizzja naturali. Huwa ghalhekk importanti li l-fatti kollha jigu a konjizzjoni tieghu biex ikun jista jaghti gudizzju shih, gust u transparenti.

It-Tribunal Industrijali meta rrefera ghall Art 622(B) tal-Kap 12 COCP huwa ikkonfortat li hu mhux talli qieghed isegwi l-ligi izda wkoll li fil-Qrati Maltin dan il-mezz tas-smiegh ta' xhieda huwa permess u prattikat.

Ghalhekk f'dan l-istadju qieghed jiddeciedi li kemm ix-xhieda, kif ukoll il-kontro ezami tas-Sur Timothy Babich ghandha issir permes ta' *Skype video conferencing* .

Sadanittant is-smiegh tal-kaz ghandu jkompli

iffirmat

James Pearsall

Chairman